MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 983/2011

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**John u Nadia mizzewgin Sammut**
**(Karta ta’ l-identita` bin-numru 484358 (M) u 261663 (M) rispettivament)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-11 t’Ottubru, 2011, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti ppremettiet in sintesi s-segwenti:

1. Illi permezz ta’ zewg (2) kuntratti in atti tan-Nutar indikata fir-rikors promotur datati t-tnejn it-13 ta’ Gunju, 2007, is-socjeta` rikorrenti kkoncediet facilita` bankarja lill-intimati Sammut;

2. Illi in vista tal-istess, is-socjeta` rikorrenti hi allura kreditrici tal-intimati fl-ammont ta' sitta u disghin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u centezmu, (€96,322.01), bilanc minn somma akbar ta' "loan accounts" li l-intimati kkonkludew mal-bank rikorrenti, oltre l-imghax involut mid-19 t'Awwissu, 2011, sad-data tal-pagament effettiv;

3. Illi l-intimati naqsu milli jeffettwaw il-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratti, u anke naqsu f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti;

4. Illi nonostante li l-intimati gew debitament interpellati biex jottemporaw ruhhom mal-obbligi minnhom assunti, xorta baqghu inadempjenti;

5. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti ntavolat is-segwenti talbiet:

i. Illi jigi dikjarat u deciz li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratti in dizamina, fosthom:

a. Illi l-intimati naqsu jhallsu l-pagamenti dovuti naxxenti mill-istess;

b. Illi l-intimati kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti;

c. Illi jirrizulta tibdil materjali fic-cirkostanzi tal-intimati fuq indikati li jipperikolaw ir-rifuzjoni tad-debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti;

ii. Illi tikkundanna lill-intimati konjugi Sammut biex "in solidum" ihallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' sitta u disghin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u centezmu, (€96,322.01), bilanc ghad-debitu fil-"loan accounts" tal-intimati Sammut mal-bank rikorrenti, flimkien mal-imghaxijiet dovuti mid-19 t'Awwissu, 2011, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kif indikati wkoll fl-istess rikors promotur;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat in-notifika tal-intimati datata l-11 ta’ Jannar, 2012;

Tirrileva li l-intimati baqghu ma kkontestawx it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

Rat in-nota tal-intimati datata s-16 ta’ Frar, 2012, li permezz taghha **ammettew** it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

Illi a skans ta’ dilungar inutili, in vista tal-premess u tal-ammissjoni fuq riferiti din il-qorti;

1. Tiddikjara li l-intimati Sammut:

a. Illi naqsu li jhallsu l-pagamenti dovuti minnhom lis-socjeta` rikorrenti;

b. Illi l-istess intimati Sammut naqsu jadempixxu obbligi ohra minnhom assunti fil-kuntratti tat-13 ta’ Gunju, 2007, fuq indikati;

c. Illi di piu` l-istess intimati Sammut ipperikolaw il-hlas lura tal-imsemmi debitu;

2. Tikkundanna lill-istess intimati Sammut biex ihallsu lis-socjeta` rikorrenti l-ammont ta’ sitta u disghin elf, tlett mija u tnejn u ghoxrin Ewro u centezmu, (€96,322.01), bilanc ghall-“loan accounts” minnhom assunti mal-bank rikorrenti, u dan, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mid-19 t’Awwissu, 2011, sad-data tal-effettiv pagament;

3. Bl-ispejjez, inkluza l-ittra ufficcjali datata t-13 t’April, 2011, kontra l-istess intimati Sammut.

______________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------